**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 286/16 AL

**A B**

**vs**

**C B u b'digriet**
**tal-14 ta' Frar, 2017 l-Avukat Dr Yanika Bugeja**
**u il-PL Daniel Aquilina gew nominati**
**bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw**
**l-interessi tal-minuri D E B u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet A B u C B nghaqdu fiz-zwieg fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) izda sseparaw minn xulxin bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar

Dottor Ian Spiteri tad-dsatax (19) ta’ Lulju tas-sena elfejn u sittax (kopja tal-kuntratt relattiv hawn anness u mmarkat bl-ittra “**A**”);

2. Illi b’konsegwenza ta’ relazzjoni extra-konjugali, l-intimata C B weldet lill-minuri D E B nhar l-erbgha (4) ta’ Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) (certifikat tat-twelid relattiv bin-numru 4202/2016 hawn anness u mmarkat bl-ittra “**B**”);

3. Illi r-rikorrent gie indikat bhala l-missier tal-imsemmi minuri fuq l-att tat-twelid tieghu u dan minkejja l-fatt li huwa m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u dan kif jirrizulta mir-rizultat tat-testijiet tad-DNA li gew mwettqa minn Dr. Marisa Cassar (DNA Paternity Test Report hawn anness u mmarkat bl-ittra “**C**” flimkien ma affidavit ta’ l-istess D. Cassar b’konferma ta’ l-imsemmi rapport mmarkat bl-ittra “**D**”);

4. Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu kull interess li jressaq din l-istanza sabiex l-att tat-twelid tal-minuri D E B jigi korrett billi minnu titnehha kull referenza ghall-attur bhala missier it-tarbija.

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-imsemmija tarbija, D E B, m’huwiex il-wild naturali tar-rikorrent; u,

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija D E B kull referenza ghall-attur jew il-kunjom tieghu, senjatament izda m’hux biss, mill-kolonna li tirraprezenta isem u konjom il-missier, il-kliem A B, id-dokument tal-identita tieghu, l-eta’, post tat-twelid u residenza tar-rikorrent, kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba, inkluz it-tnehhija tal-kunjom B mill-

kolonna li tirraprezenta l-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u tal-kliem 'the said' li jinsabu qabel isem l-intimat A B taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-taghrif tal-omm.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li flimkien ma l-intimati l-ohrajn huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yanika Bugeja u il-PL Daniel Aquilina, li in forza taghha huma eccepew: (fol 36)

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti;

Illi huma jirrizervaw id-dritt li jissollevaw eccezzjonijiet aktar 'il quddiem meta u jekk kemm-il darba huma jkunu edotti mill-fatti;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Yanika Bugeja u il-PL Daniel Aquilina;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 38)

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi l-attur ma ddikjarax taħt liema artikolu tal-liġi qed issejjes din il-kawża istanti, u għaldaqstant ikun ta' benefiċċju għall-esponent illi l-attur jagħmel dan sabiex ikun jista' jwieġeb għal dan ir-rikors ġuramentat b'iktar konkretezza;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent qed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-**Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** stante li l-kawża istanti si tratta proprju *denegata paternita'*;

5. Illi stante l-premess, l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għal dan l-għan, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet ġenetiċi *ai termini* tal-**Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jindika li huwa ma huwiex il-missier naturali tal-minuri D E B. Dan ir-rapport ġie ukoll mhaluf mit-tekniku Dr Marisa Cassar;

6. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-attur irid fl-istess waqt jegħleb il-preseunzjoni legali maħluqa ai termini tal-**Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentament juru li l-pussess ta' stat tal-minuri D E B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

7. Illi sussegwentament u bla preġudizzju għal dak premess, l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri D E B illi dan tal-aħħar ikun jaf min hu missieru naturali. Għaldaqstant, jekk jintlaqgħu t-talbiet tal-attur, ikun ta' benefiċċju u xieraq illi l-konvenuta C B tispeċifika min hu l-missier naturali ħalli b'hekk dan jkun jista' jiġi msejjaħ fil-proċeduri istanti anke permezz tal-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri D E B a tenur tal-**Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

9. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li tintlaqa' is-seba' eċċezzjoni tal-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali ta' D E B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tiegħu meta twieled D E B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-

imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled D E B. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex eventwalment tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-istess D E B, li għandu n-numru progressiv 4202/2016;

10. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet '*the said'* li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid in kwistjoni;

11. Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B, li *in forza* taghha hija eccepiet : (fol. 46)

1. Illi hija taqbel li l-partijet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija sitta u disghin (1996), sussegwentement fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-konjugi B isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri;
2. Illi taqbel ukoll mat-tieni paragrafu li jghid li l-esponenti kellha wild li jgib l-isem ta' D E B fl-erbgha (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016) minn relazzjoni li hija kellha barra z-zwieg u ghalhekk it-tarbija ma kienitx il-wild naturali tal-attur;
3. Illi l-esponenti ma tikkontestax ir-rizultati tad-DNA testing li saru minn Dr Marisa Cassar skont id-dokumenti esebiti

mar-rikors promotur u fil-fatt tikkonferma hija wkoll Ii l-wild D E B mhuwiex iben l-attur;

4. Illi ma toggezzjonax ghat-talbiet tal-attur fir-rikors guramentat tieghu salv ghall-ispejjez u ghalhekk il-kunjom tal-minuri D E ghandu jkun dak tal-omm u cioe B;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta tal-konvenuta C B;

Rat illi fl-udjenza tas-26 t'April 2017[1], Dr. Stephanie Ellul tat ruħha b'notifikata għan-nom tal-Avukat Ġenerali u rtirat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta[2], omm il-minuri, illi l-missier naturali tal-minuri huwa XY, liema isem għandu jibqa' aċċessibbli biss għall-Qorti.

Rat illi permezz ta' dikjarazzjoni fil-verbal tal-21 ta' Ġunju 2017[3], il-partijiet qablu illi l-minuri jibqa' jżomm il-kunjom B;

Rat l-atti kollha tal-proċediment inkluż l-affidavit tal-attur;

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[4], illi jirrigwarda l-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi l-kawża ġiet intavolata entro s-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija u għalhekk fit-terminu konċess mill-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, għall-preżentata ta' azzjoni ta' din ix-xorta;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

[1] Verbal fol. 44
[2] Udjenza tal-15 ta' Novembru 2017, fol. 54
[3] Fol. 49
[4] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Ikkunsidrat:

FATTI

Illi l-attur A B u l-konvenuta C B xebba Frendo kienu żżewwġu fid-29 ta' Ġunju 1996. Huma għamlu għoxrin sena miżżewġin. F'dan iż-żmien, minkejja t-tentattivi tal-partijiet, anke bl-għajnuna tat-tobba u tat-trattamenti, huma ma rnexxilhomx inisslu l-ulied.

F'Diċembru 2015, il-konvenuta bdiet tħossha mhux f'sikkitha. Bdiet iġġib ruħha b'mod stramb fil-konfront tal-attur u tħassar l-appuntamenti li jkollhom flimkien bħal safar. Għalhekk fit-22 ta' Jannar 2016, huwa talabha biex jitkellmu, fejn il-konvenuta ammettiet miegħu li kellha relazzjoni ma' raġel ieħor barrani u li miegħu kellha x'taqsam b'mod intimu. Qaltlu wkoll li hija kienet tqila b'tarbija. It-tarbija ma setgħetx kienet tiegħu għaliex ġiet ikkonċepita fi żmien meta huwa kien imsiefer. L-attur fil-bidu kien qalilha biex ma jgħidu lil ħadd b'dak li kien ġara u li kien lest illi jikkunsidra t-tarbija bħala t-tifel tiegħu. Iżda hija weġbitu il dan ma kienx possibbli stante li r-raġel li miegħu kellha r-relazzjoni huwa barrani u ta' karnaġġjon skur. Illi għalhekk it-tarbija x'aktarx li kien ser ikollha karnaġġjon skur ukoll.

Illi din is-sitwazzjoni nisslet kriżi fiż-żwieġ tagħhom tant illi wasslithom għas-separazzjoni. Huma kisbu s-separazzjoni legali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Ian Spiteri fid-19 ta' Lulju 2016.[5]

Illi fl-4 t'Awwissu 2016, il-konvenuta C B welldet iben li semmiet D E[6]. It-tarbija ġiet irreġistrata bħala iben żewġ ommha u cioe bħala iben l-attur A B, in vista li meta t-tarbija ġiet imnissla, l-omm u l-attur kienu għadhom legalment miżżewġin.

Illi l-attur qatt ma ntalab għajnuna mill-konvenuta għall-preparamenti li kienet qed tagħmel għat-twelid tat-tarbija jew xi

[5] Kopja legali hija esebita fol. 4

[6] Ċertifikat tat-twelid relattiv huwa esebit fol. 9

tip ta' manteniment għall-futur tiegħu. L-isem tat-tarbija għażlitu weħidha u hi ma nvolvietu f'xejn f'dak li jikkonċerna t-tarbija. L-attur ħass illi C kienet ċerta mill-ewwel illi t-tarbija li kien ser ikollha ma kinitx tiegħu.[7]

Illi f'Settembru 2016, saru t-testijiet tad-DNA minn fejn irriżulta illi l-attur A B (K.I.145074M) m'huwiex il-missier naturali tal-minuri D E B imwieled fl-4 t'Awwissu 2016 mill-konvenuta C B (K.I. 388573M). Dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[8].

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-konjuġi tal-ġenitur li wiled għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri D E B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri huwa rreġistrat bħala ibnu, dan m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

Il-Qorti tifhem illi proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment mill-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess minuri ġie imniżżel bħala l-wild naturali tal-attur A B, qua l-konjuġi tal-ġenitur li welldet it-tarbija.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, debitament maħlufa, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur m'huwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri D E B. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi.

[7] Affidavit tal-attur, fol. 52

[8] Rapporti esebiti flimkien mal-affidavit tagħha fol. 10

Dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jitniżżlu l-konnotati tal-missier naturali fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri minflok il-konnotati tal-attur, il-Qorti tirrileva li din hija azzjoni ta' denegata paternita' intavolata mill-konjuġi li ma wilidx, u cioe illi permezz tagħha l-attur jitlob li jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. Għalhekk l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Dik l-azzjoni tispetta jew lill-ġenitur naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-ġenitur li wiled ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-wild innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti qiegħda hawnhekk issegwi l-insenjament tagħha stess f'diversi kawżi fosthom fil-kawża fl-ismijiet Pierre Galea vs. Antoinette Galea et[9], fil-kawża fl-ismijiet Jesmond Jason Cini vs. Marthese Cini et[10] u fil-kawża fl-ismijiet Marco Magro vs. Maria Magro Sacco[11].

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jissottometti illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tista' tiddikjara min huwa l-missier naturali tal-minuri. L-imsemmi Artikolu 149 jistipula:

***149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.***

Il-Qorti ma taqbilx illi l-artikolu ċċitat jista' japplika u jkollu rilevanza għall-każ odjern, u dana stante illi l-artikolu jifforma parti mil-liġi li titratta s-setgħat tal-ġenituri u mhux il-filjazzjoni tal-ulied. Fil-fatt l-artikolu jagħmel parti mis-Sub-titolu I tal-Titolu 4 li huwa ntestat "Fuq L-Effetti Tas-Setgħa Tal-Ġenituri Fuq L-Ulied Taħt L-Età". Ma tarax kif l-imsemmi artikolu li jitratta s-setgħa tal-ġenituri jista' jagħti s-setgħa lill-Qorti li f'kawża bħal din odjerna ta' denegata paternita`, tiddikjara min hu l-missier naturali tal-persuna mertu tal-kawża, fin-nuqqas ta' kontro-talba

[9] Deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016 (Rikors Ġuramentat Numru 244/15AL)
[10] Deċiża fit-8 ta' Frar 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 228/13AL)
[11] Deċiża fl-4 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 94/13AL)

f'dan ir-rigward mill-omm. Fil-kawża odjerna, ma jidhirx li l-omm għandha l-interess li tiżvela l-isem tal-missier naturali f'dan l-istadju, u konsgwentement ma ressqitx kontro-talba sabiex jitniżżlu l-konnotati tal-missier naturali fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji din l-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana stante illi l-istess Direttur m'għandux l-interess ġuridiku illi jagħmel l-istess talba.

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u li f'dan l-istadju tordna li l-minuri D E B ikun iddikjarat bħala iben "missier mhux magħruf".

Illi rigward il-kunjom li għandu jassumi l-minuri D E B, il-Qorti rat illi hemm qbil bejn l-attur u l-konvenuta omm il-minuri, li l-minuri jibqa' magħruf bil-kunjom B. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tordna illi l-minuri D E B jibqa' magħruf bil-kunjom B.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-minuri D E B m'huwiex l-iben naturali tal-attur A B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi D E B, innumerat erbat'elef mitejn u tnejn tas-sena elfejn u sittax (4202/2016), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur u minflok iniżżel "missier mhux magħruf";

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-istess att tat-twelid ta' D E B, jikkanċella il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm;

4. Tordna illi l-minuri D E jibqa' magħruf bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi u xjentifiċi esebiti fl-atti tal-proċediment, kontra l-konvenuta C B.